**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 255/18AL

**AB**

Vs

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz teighu ippremetta :

Illi l-partijiet żżewġu fit-23 ta' April 1981 kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness u immarkat Dok 'A'.

Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat ippubbikat fl-24 ta' Lulju 1997 (Kopja tal-kuntratt annessa u mmarkat Dokument 'B').

Illi l-avukat ta' l-esponenti ddiskutiet il-possibilta' ta' rikonċiljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna

fil-proċess ta rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin. Madanakollu m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati u m’għexux flimkien għal dawn 31 sena u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieg u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal effetti kollha tal-liġi.
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Mejju, 2018;

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Lulju, 1997 u ilhom ma jghixu flimkien ghal dawn l-ahhar 31 sena;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.